**QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA**

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 36/01mm**

**Patrick Valentino ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta *Valentino Brothers***

**Vs**

**Alex Micallef**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu

(Lm450.28) rappresentanti ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija konsistenti f'injam mibjugha u ikkonsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-avviz, ta' l-ittra bonarja tat-3 ta' Lulju, 2000, ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju, 2000, ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Settembru, 2000, tal-Mandat ta' Qbid Numru 132/01 NB prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Lulju, 2000, data ta' l-ewwel ittra ufficjali sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba ghas-somma ta' tliet mitt lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm300.28) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota

tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif ridotta cioe’ tliet mitt lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm300.28) bl-ispejjez kontra l-konvenut.